MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-1 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 189/2009

**Multi Packaging Limited (C158)**
**vs**
**Fitness Manufacturing Limited (C40816)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mis-socjeta’ attrici fis-27 ta’ Frar, 2009, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

Illi s-soċjetà rikorrenti hija kreditriċi tas-socjeta intimata fis-somma ta’ tlieta u tletin elf u seba` mija u sitta u tletin ewro u hdax-il centezmu (€33,736.11) rappreżentanti prezz ta’ kartun mibjugh u kkonsenjat mis-soċjetà rikorrenti lis-socjeta intimata, kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat ‘Dok. FM 1’;

Illi minkejja interpellata thallas dan l-ammont, s-socjeta intimata baqghet inadempjenti;

Illi dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-soċjeta` rikorrenti, s-socjeta intimata m'għandhiex risposta x'tagħti;

Talbet illi s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Taqta' u tiddeċiedi r-rikors a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe` bid-dispensa tas-smiegħ;

2. Tikkundanna lis-socjeta intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tlieta u tletin elf u seba` mija u sitta u tletin ewro u hdax-il centezmu (€33,736.11) dovuta kif fuq ingħad;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal Mandat ta` Sekwestru kawtelatorju preżentat konteswalment ma` dan ir-rikors u bl-imgħax legali mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata inġunta minn issa biex tidher għas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta attrici u d-dokumenti l-ohra;

Rat li is-socjeta' konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tal-lum imsejjha tlett darbiet ma deher hadd biex jirrapprezentaha;

Semghet lil Gaetano Cordina, ghas-socjeta' attrici, jiddikjara illi is-socjeta' konvenuta baqghet ma hallset xejn;

Peress li, fic-cirkostanzi, t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fir-rikors guramentat, u hekk tikkundanna lis-socjeta konvenuta tħallas lis-soċjetà attrici s-somma ta’ tlieta u tletin elf u seba` mija u sitta u tletin ewro u hdax-il centezmu (€33,736.11) dovuta kif fuq ingħad; bl-imghax kif mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------